

16.11.2023

A9-0319/488

**Emenda 488**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-imballaġġ mhux meħtieġ li jikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness IV *u l-imballaġġ b'karatteristiċi li għandhom l-għan uniku li jżidu l-volum perċepit tal-prodott, inklużi s-saffi doppji, il-qigħan foloz, u s-saffi mhux meħtieġa, ma għandhomx jiġu introdotti* fis-suq, sakemm id-disinn tal-imballaġġ ma jkunx soġġett għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' orijini *protetti* skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni.

2. L-imballaġġ mhux meħtieġ li jikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness IV, ma *għandux jiġi introdott* fis-suq, sakemm id-disinn tal-imballaġġ *u/jew il-prodott imballat* ma jkunx soġġett għall-indikazzjonijiet ġeografiċi *protetti* ta' orijini skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni *jew ma jkunx suġġett għall-protezzjoni bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.*

Or. en

16.11.2023

A9-0319/489

**Emenda 489**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V.

*Emenda*

1. ***Sal-31 ta' Diċembru 2030***, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/490

**Emenda 490**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati ***fil-punt*** 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030.

*Emenda*

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati ***fil-punti 3 u 4*** tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/491

**Emenda 491**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-punt 3 tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.

*Emenda*

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/492

**Emenda 492**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jekk, abbażi ta' valutazzjoni ċċertifikata taċ-ċiklu tal-ħajja minn parti terza, il-formati elenkati fl-Anness V jagħtu eżitu ambjentali ġenerali aħjar f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE jew meta debitament ġustifikat minn tħassib relatat mas-saħħa pubblika, l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel.**

Or. en

16.11.2023

A9-0319/493

**Emenda 493**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 14 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ikkonformaw mad-definizzjoni tal-mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 , kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

*Emenda*

(b) ikkonformaw mad-definizzjoni tal-mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 , kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; **jew**

Or. en

16.11.2023

A9-0319/494

**Emenda 494**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 14 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) ikunu operaw fi Stat Membru fejn ir-rata ta' ġbir separat tal-imballaġġ kif irrapportat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(2)(c), il-punt b, taqbeż il-85 % skont il-piż ta' imballaġġ bħal dan introdott fis-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fis-snin kalendarji tal-2027 jew kwalunkwe sena kalendarja minn hemm 'il quddiem. Għall-imballaġġ kopert mill-obbligu fl-Artikolu 44(1), din l-eżenzjoni tista' altrimenti tkun ibbażata fuq ir-rapportar skont l-Artikolu 50(1), il-punt c.*

*Fejn tali rapportar juri li r-rata tal-ġbir separat tal-materjal tal-imballaġġ rispettiv tkun inqas minn 85 %, l-Istat Membru għandu jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni li juri strateġija b'azzjonijiet konkreti, inkluża skeda ta' żmien li tiżgura l-kisba tar-rata ta' ġbir separat ta' 85 % skont il-piż tal-materjal tal-imballaġġ rispettiv fi żmien sentejn.*

Or. en

16.11.2023

A9-0319/495

**Emenda 495**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) l-użu tiegħu jnaqqas b'mod sinifikanti l-kontaminazzjoni tal-kompost b'imballaġġ mhux kompostabbli; u

(e) l-użu tiegħu jnaqqas b'mod sinifikanti l-kontaminazzjoni tal-kompost b'imballaġġ mhux kompostabbli u, ***peress li jikkonforma mal-istandard tal-Unjoni għall-kompostjar, ma jikkawża l-ebda problema fl-ipproċessar tal-bijoskart;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li tiċċara li l-konformità mal-istandard EN 13432 kif aġġornat (ara l-Art. 8.5 a) – jew ma' standard ġdid possibbli – tiggarantixxi li ma jkunx hemm problemi fil-fluss tal-bijoskart.*



16.11.2023

A9-0319/496

**Emenda 496**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Anness III – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) l-użu tiegħu ma jżidx il-kontaminazzjoni ta' flussi ta' skart mill-imballaġġ mhux kompostabbli.

(f) l-użu tiegħu, ***peress li jikkonċerna l-applikazzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel li għandhom jiġu pproċessati mal-fluss tal-bijoskart***, ma jżidx il-kontaminazzjoni ta' flussi ta' skart mill-imballaġġ mhux kompostabbli.

Or. en

16.11.2023

A9-0319/497

**Emenda 497**

**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Anness IV – Parti I – punt 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Funzjonalità tal-imballaġġ: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura l-funzjonalità tiegħu, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni tal-prodott mill-konsumaturi. L-aċċettazzjoni tal-konsumatur għandha tinvolvi taħlita ta' karatteristiċi ta' attraenza viżiva perċepita u/jew faċilità ta' użu perċepita li jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet liberi meta jixtru. Għandhom jiġu rrispettati l-elementi tad-disinn meħtieġa biex jindikaw ir-rikonoxximent distintiv tal-prodott, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-orìġini skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.**

Or. en